MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 281/2012

**Simon Agius**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Simon Agius** fit-18 ta’ Ottubru 2012 li permezz tiegħu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent jahdem bhala 'watchman' mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.*

*Illi skont il-ligi, l-esponent mar halli japplika ghal-licenzja mal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Gwardjan Privat izda din giet irrifjutata (Dok 'A') u dana ghaliex il-Kummissarju tal-Pulizija iddecieda li ma jgeddidx il-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent a tenur tal-Art. 10(a) tal-Kap 389.*

*Illi m'hemmx dubju li tali decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

*Illi skont is-sentenza hawn mehmuza (Dok 'B'), giet applikata fil-konfront tal-esponent ordni ta' Probation.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jhassar tali decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta' Settembru 2012 u tinhareg il-licenzja relattiva lir-Rikorrent u dana ghaliex l-istess Kummissarju tal-Pulizija minhabba c-cirkostanzi kellu jezercita d-diskrezzjoni tieghu a favur l-istess Rikorrent.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

*1. Jiddikjara, in linja ta' revizjoni, li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta' Settembru 2012 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet suindikati;*

*2. Jordna lill-intimat halli dan johrog il-licenzja ghall-Gwardjan Privat lir-rikorrent;*

*3. Jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2012, permezz ta' liema oppona ghat-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeccepixxi illi r-rikors tar-rikorrent huwa irritu u null, u dan ghaliex qieghed jattakka decizjoni li skont hu ttiehdet abbazi ta` l-interess pubbliku, meta fil-fatt huwa evidenti illi ma kienx il-kaz, kif sejjer jigi muri sussegwentement u kif sejjer jigi ppruvat ukoll fil-mori tar-rikors.*

2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeccepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan peress illi r-rifjut li nhareg lil Simon Agius, kien imsejjes biss fuq is-subartikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta, u mhux fuq l-interess pubbliku, kif qieghed jigi allegat mir-rikorrent. Dan huwa evidenti anke mill-ittra annessa mar-rikors tieghu stess bhala 'Dok A', li l-awtenticita` taghha mhix qed tigi kkontestata mill-esponent Kummissarju.*

3. *Illi ghalhekk, b'kull dovut rispett, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jifhem kif ir-rikorrent Agius jilmenta illi din il-licenzja giet rifjutata abbazi ta` l-interess pubbliku, meta l-fatti juru car li ma kienx hekk. Barra minn hekk, huwa ferm importanti li wiehed iqis illi dik kienet l-unika lanjanza mqajma mir-rikorrent, ghaliex dan ma lmentax mill-fatt illi r-rifjut kien ibbazat fuq is-subartikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk, minghajr pregudizzju ghall-premess, wiehed jista` wkoll jifhem illi r-rikorrent mhux qieghed jattakka r-rifjut kif fil-fatt inhareg, u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jregux u ghandhom jigu michuda fl-interita` taghhom.*

4. *Illi dejjem minghajr pregudizzju, jinghad ukoll illi d-decizjoni tal-Kummissarju kienet ibbazata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, moghtija nhar is-16 ta` Dicembru 2002, liema sentenza giet ukoll annessa mar-rikors bhala 'Dok B', u l-awtenticita` ta` liema mhix qed tigi kontestata mill-esponent. Jidher car minn ezami ta` din is-sentenza illi r-rikorrent Simon Agius gie misjub hati fost l-ohrajn li volontarjament, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta` Joseph Carmel Zammit, u dan skont l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u apparti l-ordni ta` probation, gie kkundannat ihallas multa ta` erba` mitt lira Maltin. Il-multa minna nfisha hija piena nflitta fuq reati, skont l-Artikolu 7(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk, hemm sejbien ta` htija fir-reati msemmija.*

5. *Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent[1] u ix-xhieda ta' Innocent Aquilina[2];

---

[1] A fol. 29 u 30 tal-process
[2] A fol. 33 u 34 tal-process

Sema' x-xhieda ta' Natalie Abela[3] u tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[4];

Ra id-digriet tas-6 ta' Jannar 2014 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent sabiex issir korrezzjoni fil-korp tar-rikors promutur, liema korrezzjoni giet riflessa fit-tieni u fil-hames premessa tal-istess rikors;

Ra d-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 26 ta' Settembru 2012 esebita mir-rikorrenti a fol. 4 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent u r-risposta ghall-istess nota tal-Kummissarju intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jattakka d-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 26 ta' Settembru 2012 fejn giet michuda l-applikazzjoni tieghu ghal-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat[5]. Ir-raguni mghotija mill-Kummissarju intimat ghal tali rifjut kienet li t-talba tar-rikorrenti ma setghetx tigi milqugha **abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.**

---

[3] A fol. 51 u 52 tal-process
[4] A fol. 56A u 56B tal-process
[5] u mhux it-tigdid tal-istess licenzja kif indikat fit-tieni premessa tar-rikors promutur

Illi r-rikorrenti jikkontendi li din id-decizjoni hija wahda ***"ingusta, irragjonevoli u ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata"*.**

Illi jirrizulta illi l-Kummissarju intimat wasal ghad-decizjoni ta' rifjut abbazi tal-fatt illi r-rikorrenti kien instab hati ta' reat elenkat fl-artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, u aktar precizament ta' **offiza gravi fuq il-persuna**.[6]

Illi mid-dokumenti esebiti mill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi jirrizulta illi fis-16 ta' Dicembru 2002 kienet inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tar-rikorrent.[7] Illi l-akkuzi kienu s-segwenti u cioe:-

1. *Bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Joseph Carmel Zammit ta' tmintax-il sena minn San Gwann, f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u dan billi permezz ta' strument li jaqa' u bil-ponta (sikkina) ta daqqa ta' sikkina fuq mohh il-persuna tal-imsemmi Joseph Carmel Zammit;*
2. *Talli kkaguna feriti gravi li jgibu sfregju fil-wicc tal-istess Joseph Carmel Zammit, skond kif gie ccertifikat minn Doctor Robert Sammut MD fic-centru tas-Sahha tal-Floriana;*
3. *Talli zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;*
4. *Talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;*
5. *Talli hebb ghall-imsemmi Joseph Carmel Zammit sabiex jinsulentah, jweggghu u jghamillu hsara;*
6. *Talli qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha.*

Illi permezz tas-sentenza su citata, ir-rikorrenti kien instab hati u gie **kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt lira maltin (Lm400) u gie mpoggi wkoll taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin** taht is-

[6] Ara xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi a fol. 56B
[7] Dok KP1 a fol. 62 sa 72 tal-process

supervizjoni tal-*Probation* Officer Carmen Borg, oltre li giet konfiskata s-sikkina li permezz taghha twettqet l-offiza gravi.

Illi wara li t-Tribunal ghamel esposizzjoni tac-cirkostanzi fattwali, imiss issa li jigi ezaminat jekk ir-rifjut tal-Kummissarju intimat, fic-cirkostanzi rilevati, kienx wiehed gust jew le.

Illi l-punt ta' tluq huwa l-artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun* ***<u>instabet hatja</u>***[8] *f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' omicidju volontarju jew ta'* ***<u>offiza gravi fuq il-persuna</u>***[9] *jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor; jew..."*

Illi ghalkemm l-istess subinciz jsemmi diversi cirkostanzi fejn il-Kummissarju **"ghandu"** jirrifjuta applikazzjoni, dik li tapplika ghall-kaz odjern hija l-parti fejn tissemma **"offiza gravi fuq il-persuna"**. Illi ma jidhrix li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet illi fil-fatt ir-reat li wettaq ir-rikorrent fil-fatt jammonta ghal offiza gravi fuq il-persuna. Dak li qieghed jigi kontestat da parti tar-rikorrent huwa l-fatt illi *siccome* huwa nghata ordni ta' *probation* din ma tammontax ghal dikjarazzjoni ta' htija u kwindi l-Kummissarju ma setghax jirrifjuta li johrog

8 Enfasi tat-Tribunal
9 *Ibid.*

il-licenzja in kwistjoni. Ir-rikorrenti isostni wkoll illi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat ma kinitx wahda ragjonevoli meta wiehed iqis li wara l-kommissjoni tar-reat in kwistjoni ir-rikorrent ghandu rekord ta' hajja lavorattiva ezemplari u li r-reat kien biss frott ta' reazzjoni sproporzjonata li sehhet iktar minn ghaxar snin qabel. Hu jsostni wkoll, fil-parti konklussiva tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, illi l-Kummissarju intimat interpreta l-kelma "gravi" b'mod drakonjan.

Illi f'dan il-punt, it-Tribunal jippreciza illi l-bazi tar-rifjut tal-Kummissarju intimat ma kinitx tinvolvi l-ebda interpretazzjoni tal-frazi generika "delitt gravi" li wiehed isib bhala wahda mic-cirkostanzi ghar-rifjut taht l-artikolu 10 (a) (i). Il-bazi tar-rifjut, u dan johrog ampjament car mis-sentenza kriminali u anke mix-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi, kien li r-rikorrent ikkommetta "offiza gravi fuq il-persuna". Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi m'hemm bzonn tal-ebda dilungar fuq id-distinzjoni bejn "delitt gravi" (fit-test Ingliz *"serious crime"*) u "offiza gravi fuq il-persuna" (it-test Ingliz *"wilful grievous bodily harm")*. Id-distinzjoni bejn iz-zewg termini hija wahda cara u netta u ghalhekk ir-rikorrent kien skorrett meta irrileva li l-Kummissarju intimat interpreta b'mod skorrett il-frazi "gravi" ghaliex in verita` l-Kummissarju ma ta l-ebda interpretazzjoni lill-istess frazi siccome` d-decizjoni tieghu kienet arginata fuq is-sejbien ta' htija ghar-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna (*wilful grievous bodily harm)*.

Illi dan it-Tribunal, kif diversament presjedut, kellu l-okkazjoni jinvesti il-kwistjoni jekk Ordni ta' *Probation* tistghax tigi meqjusa bhala dikjarazzjoni ta' htija meta l-Kummissajru intimat jigi biex jevalwa applikazzjoni ghal licenzja ta' Gwardjan Privat. Bla tlaqliq, dan it-Tribunal kif presjedut jaqbel mal-linja li ha l-istess Tribunal diversament presjedut, u cioe illi ordni ta' *probation* jew ordni ta' liberta` kundizzjonata jew inkundizzjonata ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-*Probation)*. In fatti artikolu 25 (1) tal-istess Att jghid:

*"Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, ..."*

Artikolu 25 (2) tal-istess Att imbaghad ikompli hekk:

*"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija."*

Illi ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda **l-ordni ta' *probation* wahedha** imposta permezz tas-sentenza tas-16 ta' Dicembru 2002 , din ma tistghax isservi biex ir-rikorrent jigi mcahhad mill-ghoti tal-licenzja ta' Gwardjan Privat.

Pero dan il-kaz jiddistingwi ruhu minn ghadd ta' kazijiet ohra li diga gew decizi minn dan it-Tribunal diversament presjedut.[10] U dana peress illi fil-kaz odjern ir-rikorrent ma nghatax biss ordni ta' *probation* izda gie kkundannat ukoll ghall-hlas ta' **multa ta' erba' mitt lira maltin (Lm400**). Din hija cirkostanza li wiehed ma jistghax jinjora ghaliex l-imposizzjoni ta' multa hija wahda mill-pieni li Qorti tista' tinfliggi fuq persuna misjuba hatja ta' delitt.[11]

---

[10] Ara f'dan is-sens Anton Mario Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 267/11 deciza fis- 26 ta' April 2012 [konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Mejju 2014], Daniel Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 274/11 deciza fil-11 ta' Gunju 2012 u Carl Grima v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 265/11 deciza fil-25 ta' Settembru 2012 u David Vincenti vs Kummissaru tal-Pulizija, Rik. Nru. 275/11 deciza fl-4 ta'April 2013

[11] Artikolu 7 (1) (d), Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi t-Tribunal evalwa l-akkuzi li r-rikorrent kien instab hati taghhom u minn dawn is-sitta, jirrizulta illi r-reat  li abbazi tieghu giet rifjutata l-applikazzjoni tieghu kien, kif diga intqal iktar ‘il fuq, proprju dak imsemmi fit-tieni akkuza u cioe li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna.  Illi l-istess reat igorr mieghu, kemm illum u kemm fiz-zmien li giet pronunzjata s-sentenza kontra r-rikorrent, piena ta’ prigunerja minn disa’ xhur sa disa’ snin.[12]   Illi ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali zgur li ma imponietx il-multa ghal dan ir-reat.  Allura wiehed ghandu ghaliex jiddeduci li l-multa ta’ Lm400 giet imposta ghall-akkuzi rimanenti  u cioe t-tielet[13], ir-raba’[14], l-hames[15] u s-sitt[16] akkuza, liema akkuzi l-ebda wahda minnhom ma tammonta ghar-reati kontemplati fl-artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-piena pekunarja ta’ Lm400 giet inflitta fuq ir-rikorrent mhix is-sanzjoni prevista mil-ligi ghall-offiza gravi, ghaliex kif gia inghad iktar ‘il fuq, din iggorr maghha piena ta’ prigunerija.  Il-multa ta’ Lm400 inflitta fuq ir-rikorrent kienet relatata ma’ reati taht il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta (Ordinanza Dwar l-Armi)[17], u ma’ numru ta’ kontravvenzjonijiet ohra.

Illi ghaldaqstant, ladarba l-Ordni ta’ *Probation* ma tistghax tigi meqjusa bhala sejbien ta’ htija fir-rikorrent, u wkoll jirrizulta li l-multa inflitta giet hekk inflitta ghar-reati l-ohra li ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389, id-decizjoni tal-Kummissarju intimat li jirrifjuta li johrog il-licenzja mitluba mir-rikorrent kienet wahda zbaljata.

**DECIDE**

---

[12] Artikolu 218, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
[13] Liema akkuza tohrog minn artikolu 13 tal-Kap. 66 illum abrogat
[14] Liema akkuza tohrog minn artikolu 338 (dd) tal-Kap 9
[15] Liema akkuza tohrog minn artkolu 339 (1) (d) tal-Kap 9
[16] Liema akkuza tohrog minn artikolu 342 tal-Kap 9
[17] Illum Kap 66 gie abrogat permezz ta’  Att XIV tal-2005 (Att Dwar l-Armi)

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat stante li dawn gew sorvolati bid-digriet ta' dan it-Tribunal tas-6 ta' Jannar 2014, qieghed jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-rikorrent bl-ittra datata 26 ta' Settembru 2012 u jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza johrog il-licenzja ta' Gwardjan Privat favur ir-rikorrent ai termini tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------